**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument**

►B

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1881/2006

**tad-19 ta' Diċembru 2006**

**li tiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti ta' l-ikel**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(ĠU L 314M, 1.12.2007, p. 558)

Emendat minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 | L 255 | 14 | 29.9.2007 |
| ►M2 | Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 565/2008 tat-18 ta' Ġunju 2008 | L 160 | 20 | 19.6.2008 |
| ►M3 | Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 629/2008 tat-2 ta' Lulju 2008 | L 173 | 6 | 3.7.2008 |
| ►M4 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 105/2010 tal-5 ta' Frar 2010 | L 35 | 7 | 6.2.2010 |
| ►M5 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 165/2010 tas-26 ta' Frar 2010 | L 50 | 8 | 27.2.2010 |
| ►M6 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 420/2011 tad-29 ta' April 2011 | L 111 | 3 | 30.4.2011 |
| ►M7 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 835/2011 tad-19 ta' Awwissu 2011 | L 215 | 4 | 20.8.2011 |
| ►M8 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1258/2011 tat-2 ta' Diċembru 2011 | L 320 | 15 | 3.12.2011 |
| ►M9 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1259/2011 tat-2 ta' Diċembru 2011 | L 320 | 18 | 3.12.2011 |
| ►M10 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 219/2012 tal-14 ta' Marzu 2012 | L 75 | 5 | 15.3.2012 |
| ►M11 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 594/2012 tal-5 ta' Lulju 2012 | L 176 | 43 | 6.7.2012 |
| ►M12 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1058/2012 tat-12 ta' Novembru 2012 | L 313 | 14 | 13.11.2012 |
| ►M13 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1067/2013 tat-30 ta' Ottubru 2013 | L 289 | 56 | 31.10.2013 |
| ►M14 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 212/2014 tas-6 ta' Marzu 2014 | L 67 | 3 | 7.3.2014 |
| ►M15 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 362/2014 tad-9 ta' April 2014 | L 107 | 56 | 10.4.2014 |
| ►M16 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 488/2014 tat-12 ta' Mejju 2014 | L 138 | 75 | 13.5.2014 |
| ►M17 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 696/2014 tal-24 ta' Ġunju 2014 | L 184 | 1 | 25.6.2014 |
| ►M18 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1327/2014 tat-12 ta' Diċembru 2014 | L 358 | 13 | 13.12.2014 |
| ►M19 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/704 tat-30 ta' April 2015 | L 113 | 27 | 1.5.2015 |
| ►M20 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1005 tal-25 ta' Ġunju 2015 | L 161 | 9 | 26.6.2015 |
| ►M21 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1006 tal-25 ta' Ġunju 2015 | L 161 | 14 | 26.6.2015 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ►**M22** | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1125 tal-10 ta' Lulju 2015 | L 184 | 7 | 11.7.2015 |
| ►**M23** | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1137 tat-13 ta' Lulju 2015 | L 185 | 11 | 14.7.2015 |
| ►**M24** | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1933 tas-27 ta' Ottubru 2015 | L 282 | 11 | 28.10.2015 |
| ►**M25** | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1940 tat-28 ta' Ottubru 2015 | L 283 | 3 | 29.10.2015 |
| ►**M26** | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/239 tad-19 ta' Frar 2016 | L 45 | 3 | 20.2.2016 |
| ►**M27** | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1237 tas-7 ta' Lulju 2017 | L 177 | 36 | 8.7.2017 |
| ►**M28** | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/290 tas-26 ta' Frar 2018 | L 55 | 27 | 27.2.2018 |
| ►**M29** | Regolament Tal-Kummissjoni (UE) 2019/1870 tas-7 ta’ Novembru 2019 | L 289 | 37 | 8.11.2019 |
| ►**M30** | Regolament Tal-Kummissjoni (UE) 2019/1901 tas-7 ta’ Novembru 2019 | L 293 | 2 | 14.11.2019 |
| ►**M31** | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/685 tal-20 ta’ Mejju 2020 | L 160 | 3 | 25.5.2020 |
| ►**M32** | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/1255 tas-7 ta’ Settembru 2020 | L 293 | 1 | 8.9.2020 |
| ►**M33** | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/1322 tat-23 ta’ Settembru 2020 | L 310 | 2 | 24.9.2020 |
| ►**M34** | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/2040 tal-11 ta’ Diċembru 2020 | L 420 | 1 | 14.12.2020 |
| ►**M35** | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/1317 tad-9 ta’ Awwissu 2021 | L 286 | 1 | 10.8.2021 |
| ►**M36** | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/1323 tal-10 ta’ Awwissu 2021 | L 288 | 13 | 11.8.2021 |
| ►**M37** | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/1399 tal-24 ta’ Awwissu 2021 | L 301 | 1 | 25.8.2021 |
| ►**M38** | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/1408 tas-27 ta’ Awwissu 2021 | L 304 | 1 | 30.8.2021 |
| ►**M39** | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/2142 tat-3 ta’ Diċembru 2021 | L 433 | 8 | 6.12.2021 |
| ►**M40** | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/617 tat-12 ta’ April 2022 | L 115 | 60 | 13.4.2022 |
| ►**M41** | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/1364 tal-4 ta’ Awwissu 2022 | L 205 | 227 | 5.8.2022 |
| ►**M42** | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/1370 tal-5 ta’ Awwissu 2022 | L 206 | 11 | 8.8.2022 |
| ►**M43** | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/1393 tal-11 ta’ Awwissu 2022 | L 211 | 83 | 12.8.2022 |
| ►**M44** | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/2002 tal-21 ta’ Ottubru 2022 | L 274 | 64 | 24.10.2022 |
| ►**M45** | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/2388 tas-7 ta’ Diċembru 2022 | L 316 | 38 | 8.12.2022 |

Ikkoreġut minn:

| | |
|---|---|
| ►**C1** | Emendi, Ġ.U. L 298, 19.11.2019, p. 12 (2019/1870) |
| ►**C2** | Emendi, Ġ.U. L 161, 16.6.2022, p. 130 (2021/1323) |

▼B

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1881/2006**

**tad-19 ta' Diċembru 2006**

**li tiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti ta' l-ikel**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

*Artikolu 1*

**Regoli ġenerali**

1. L-oġġetti ta' l-ikel elenkati fl-Anness m'għandhomx jitqiegħdu fis-suq meta dawn ikun fihom kontaminant elenkat fl-Anness f'livell li huwa ogħla mil-livell massimu stipulat fl-Anness.

2. Il-livelli massimi speċifikati fl-Anness għandhom japplikaw għall-parti li tittiekel ta' l-oġġetti ta' l-ikel ikkonċernati, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-Anness.

*Artikolu 2*

**Oġġetti ta' l-ikel imnixxfin, dilwiti, ipproċessati u komposti**

1. Meta jiġu applikati l-livelli massimi stipulati fl-Anness ta' l-oġġetti ta' l-ikel li huma imnixxfin, dilwiti, ipproċessati jew komposti minn iktar minn ingredjent wieħed, dan li ġej għandu jittieħed in konsiderazzjoni

(a) bidliet fil-konċentrazzjoni tal-kontaminant ikkawżat minn proċessi ta' tnixxif jew dilwizzjoni,

(b) bidliet tal-konċentrazzjoni tal-kontaminant ikkawżat mill-ipproċessar,

(c) il-proporzjonijiet relativi ta' l-ingredjenti fil-prodott,

(d) il-limitu analitiku tal-kwantifikazzjoni.

2. Il-konċentrazzjonijiet speċifiċi jew il-fatturi tad-dilwizzjoni għall-operazzjonijiet ta' tnixxif, dilwizzjoni, ipproċessar u/jew ta' taħlit ikkonċernati għall-oġġetti ta' l-ikel imnixxfin, dilwiti, ipproċessati u/jew komposti għandhom jiġu pprovduti u ġġustifikati mill-operatur tal-kummerċ ta' l-ikel, meta l-awtorità kompetenti twettaq kontroll uffiċjali.

Jekk l-opertur fil-kummerċ ta' l-ikel ma jipprovdix il-konċentrazzjoni neċessarja għall-fattur tad-dilwizzjoni jew jekk l-awtorità kompetenti tara li l-fattur mhux xieraq fid-dawl tal-ġustifikazzjoni pprovduta, l-awtorità għandha hi stess tiddefinixxi dak il-fattur, skond l-informazzjoni disponibbli u bl-għan tal-protezzjoni massima għas-saħħa tal-bniedem.

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw sakemm ebda livell Komunitarju speċifiku ma jiġi ffissat għal dawn l-oġġetti ta' l-ikel imnixxfin, dilwiti, ipproċessati jew komposti.

▼B

4. Sakemm il-leġislazzjoni Komunitarja ma tipprovdi għal-livell massimu speċifiku għall-ikel għat-trabi t-tfal żgħar, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal-livelli iktar stretti.

*Artikolu 3*

**Projbizzjonijietdwar l-użu, it-taħlit u d-ditossifikazzjoni**

1. L-oġġetti ta' l-ikel li ma jikkonformawx mal-livelli massimi stipulati fl-Anness m'għandhomx jintużaw għall-ingredjenti ta' l-ikel.

2. L-oġġetti ta' l-ikel li jikkonformaw mal-livelli massimi stipulati fl-Anness m'għandhomx jitħalltu ma' l-oġġetti ta' l-ikel li jirriżultaw ogħla minn dawn il-livelli.

3. L-oġġetti ta' l-ikel li għandhom ikunu soġġetti għall-issortjar jew trattament fiżiku għat-tnaqqis tal-livelli ta' kontaminazzjoni m'għandhomx jitħalltu ma' l-oġġetti ta' l-ikel li huma intenzjonati għall-konsum mill-bniedem, jew ma' l-oġġetti ta' l-ikel li huma intenzjonati għall-użu bħala ingredjent ta' l-ikel.

4. L-oġġetti ta' l-ikel li fihom kontaminanti elenkati fis-sezzjoni 2 ta' l-Anness (Mikotossini) m'għandhomx jiġu ditossifikati deliberatament permezz ta' trattamenti kimiċi.

▼M5

*Artikolu 4*

**Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-ġewż tal-art, iż-żrieragħ taż-żejt, il-frott imnixxef u l-qamħirrum**

Il-ġewż tal-art (il-karawett), żrieragħ oħra taż-żejt, il-ġewż tas-siġar, il-frott imnixxef, ir-ross u l-qamħirrum li ma jikkonformawx mal-livelli massimi relevanti tal-alfatossini stipulati fil-punti 2.1.5, 2.1.6, 2.1.7, 2.1.8, 2.1.10 u 2.1.11 tal-Anness jistgħu jitqiegħdu fis-suq bil-kondizzjoni li dawn l-oġġetti tal-ikel:

(a) ma jkunux maħsuba għall-konsum dirett mill-bniedem jew bħala ingredjenti f'oġġetti tal-ikel;

(b) jikkonformaw mal-livelli massimi relevanti stipulati fil-punti 2.1.1, 2.1.2, 2.1.3, 2.1.4, 2.1.9 u 2.1.12 tal-Anness;

(c) ikunu soġġetti għal trattament li jinvolvi l-għażla jew xi trattament fiżiku ieħor u li wara dan it-trattament il-livelli massimi stipulati fil-punti 2.1.5, 2.1.6 u 2.1.7, 2.1.8, 2.1.10 u 2.1.11 tal-Anness ma jinqabżux, u li dan it-trattament ma jirriżultax f'residwi oħrajn li jagħmlu ħsara;

(d) ikunu ttikkettati b'mod ċar, li juri l-użu tagħhom bl-indikazzjoni, "il-prodott għandu jiġi magħżul jew se jsirlu xi trattament fiżiku ieħor biex titnaqqaslu l-kontaminazzjoni bl-aflatossini qabel ma jitħalla għall-konsum mill-bniedem jew jintuża bħala ingredjent f'oġġetti tal-ikel". Din l-indikazzjoni għandha tkun inkluża fuq it-tikketta ta' kull pakkett, kaxxa eċċ individwali, jew fuq id-dokument oriġinali li jintbagħat mal-konsenja. Il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-konsenja/lott għandu jkun immarkat b'mod indellibbli fuq kull pakkett/kaxxa individwali tal-konsenja u fuq id-dokument oriġinali li jintbagħat magħha.

▼M5

*Artikolu 5*

**Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-ġewż tal-art(il-karawett), żrieragħ oħra taż-żejt, il-prodotti dderivati minnhom u ċ-ċereali**

Indikazzjoni ċara dwar l-użu maħsub għandha tidher fuq it-tikketta ta' kull pakkett individwali, kaxxa, eċċ. jew fuq id-dokument oriġinali li jintbagħat mal-konsenja. Dan id-dokument għandu jkollu konnessjoni ċara mal-konsenja permezz tal-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-konsenja, li tinsab fuq kull pakkett individwali, fuq kull kaxxa, eċċ. tal-konsenja. Barra minn hekk l-attività kummerċjali tad-destinatarju tal-konsenja li tkun indikata fid-dokument ta' mal-konsenja, għandha tkun waħda kompatibbli mal-użu maħsub.

Fl-assenza ta' indikazzjoni ċara li l-użu maħsub tagħhom mhux għall-konsum mill-bniedem, il-livelli massimi stipulati fil-punti 2.1.5 u 2.1.11 tal-Anness għandhom japplikaw għall-ġewż tal-art (il-karawett) kollu, għaż-żrieragħ taż-żejt u l-prodotti dderivati minnhom u ċ-ċereali li jinsabu fis-suq.

Fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-ġewż tal-art (il-karawett) u żrieragħ oħra taż-żejt li jkunu maħsuba għat-tifrik u l-applikazzjoni tal-livelli massimi stipulati fil-punt 2.1.1 tal-Anness, l-eċċezzjoni tapplika biss għal konsenji li jkollhom tikketta ċara li tindika l-użu li huma maħsuba għalih u li jkun fiha l-kliem "dan il-prodott maħsub għat-tifrik għall-produzzjoni taż-żejt veġetali rfinut". Din l-indikazzjoni għandha tidher fuq it-tikketta ta' kull pakkett, kaxxa eċċ individwali u fuq id-dokument(i) oriġinali li jasal/jaslu mal-konsenja. Id-destinazzjoni finali trid tkun impjant tat-tħin.

▼B

*Artikolu 6*

**Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-ħass**

Sakemm il-ħass li huwa kkoltivat taħt protezzjoni ("ħass protett") ma jkunx ittikkettjat bħala tali, il-livelli massimi stipulati fl-Anness għall-ħass ikkoltivat fil-beraħ ("ħass ikkoltivat fil-beraħ") għandhom japplikaw.

*Artikolu 7*

▼M9

**Derogi**

▼M8

___

▼M9

4. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 1, il-Finlandja, l-Isvezja u l-Latvja jistgħu jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq ta' salamun selvaġġ maqbud (*Salmo salar*) u prodotti tiegħu li joriġinaw mir-reġjun Baltiku u li huma maħsuba għall-konsum fit-territorju tagħhom b'livelli ta' diossini u/jew PCBs simili għad-diossini u/jew PCBs mhux simili għad-diossini li jkunu ogħla minn dawk stipulati fil-punt 5,3 tal-Anness, bil-kondizzjoni li tinġieb fis-seħħ sistema sabiex taċċerta li l-konsumaturi jkunu infurmati bi sħiħ dwar ir-rakkomandazzjonijiet tad-dieta fir-rigward tar-restrizzjonijiet dwar il-konsum ta' salamun selvaġġ maqbud mir-reġjun Baltiku u prodotti tiegħu minn taqsimiet vulnerabbli identifikati tal-popolazzjoni sabiex jiġu evitati riskji għas-saħħa potenzjali.

▼M9

Il-Finlandja, l-Isvezja u l-Latvja għandhom ikomplu japplikaw il-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li s-salamun selvaġġ maqbud u l-prodotti tiegħu li ma jikkonformawx mal-punt 5,3 tal-Anness ma jitqiegħdux fis-suq ta' Stati Membri oħra.

Il-Finlandja, l-Isvezja u l-Latvja se jirrapurtaw kull sena lill-Kummissjoni l-miżuri li huma ħadu sabiex jinfurmaw b'mod effettiv lit-taqsimiet vulnerabbli identifikati tal-popolazzjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet tad-dieta u biex jiżguraw li s-salamun selvaġġ maqbud u l-prodotti tiegħu li ma jikkonformawx mal-livelli massimi ma jitqiegħdux fis-suq fi Stati Membri oħra. Barra minn hekk huma għandhom jipprovdu evidenza dwar l-effettività ta' dawn il-miżuri.

5. Permezz tad-deroga mill-Artikolu 1, il-Finlandja u l-Isvezja jistgħu jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq ta' aringi selvaġġi maqbuda li huma akbar minn 17-il cm (*Clupea harengus*), ħut żgħir selvaġġ maqbud li jixbah lit-troti (*Salvelinus* spp) u buwaħħala tax-xmajjar selvaġġa maqbuda (*Lampetra fluviatilis*) u troti selvaġġ maqbud (*Salmo trutta*) u prodotti tagħhom li joriġinaw mir-reġjun Baltiku u li huma maħsuba għall-konsum fit-territorju tagħhom b'livelli ta' diossini u/jew livelli ta' PCBs simili għad-diossini li jkunu ogħla minn dawk stipulati fil-punt 5,3 tal-Anness, bil-kondizzjoni li s-sistema hija regolata sabiex tiżgura li l-konsumaturi jkunu infurmati bi sħiħ dwar ir-rakkomandazzjonijiet tad-dieta fir-rigward tar-restrizzjonijiet dwar il-konsum tal-aringi selvaġġi li nqabdu li huma akbar minn 17-il cm, ħut żgħir selvaġġ maqbud li jixbah lit-troti, buwaħħala tax-xmajjar selvaġġa maqbuda u troti selvaġġ maqbud mir-reġjun Baltiku u l-prodotti tagħhom minn taqsimiet vulnerabbli identifikati tal-popolazzjoni sabiex jiġu evitati riskji potenzjali għas-saħħa.

Il-Finlandja u l-Isvezja għandhom ikomplu japplikaw il-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-aringi selvaġġi maqbuda li huma akbar minn 17-il cm, il-ħut żgħir selvaġġ maqbud li jixbah lit-troti u troti selvaġġ maqbud u l-prodotti tagħhom li ma jikkonformawx mal-punt 5,3 tal-Anness ma jitqiegħdux fis-suq ta' Stati Membri oħra.

Il-Finlandja u l-Isvezja se jirrapurtaw kull sena lill-Kummissjoni l-miżuri li huma ħadu sabiex jinfurmaw b'mod effettiv lit-taqsimiet vulnerabbli identifikati tal-popolazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet dwar id-dieta u biex jiżguraw li l-ħut u l-prodotti tiegħu li ma jikkonformawx mal-livelli massimi ma jitqiegħdux fis-suq fi Stati Membri oħra. Barra minn hekk huma għandhom jipprovdu evidenza dwar l-effettività ta' dawn il-miżuri.

▼M32

6. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 1, l-Istati Membri li ġejjin jistgħu jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq tagħhom tal-laħam affumikat u l-prodotti tal-laħam affumikati b'mod tradizzjonali li ġejjin, affumikati fit-territorju tagħhom u maħsuba għall-konsum fit-territorju tagħhom b'livelli ta' PAHs ogħla minn dawk stipulati fil-punt 6.1.4 tal-Anness, dejjem jekk dawk il-prodotti jikkonformaw mal-livelli massimi applikabbli qabel l-1 ta' Settembru 2014, jiġifieri 5,0 µg/kg għall-benżo(a)piren u 30,0 µg/kg għat-total ta' benżo(a)piren, benż(a)antraċen, benżo(b)fluworanten u krisen:

— L-Irlanda, il-Kroazja, Ċipru, Spanja, il-Polonja u l-Portugall: laħam affumikat u prodotti tal-laħam affumikati b'mod tradizzjonali;

— Il-Latvja: majjal affumikat b'mod tradizzjonali, laħam tat-tiġieġ affumikat bis-sħana, zalzett affumikat bis-sħana u laħam tal-kaċċa affumikat bis-sħana;

▼M32

— Ir-Repubblika Slovakka: laħam affumikat b'mod tradizzjonali mmellaħ, bacon affumikat b'mod tradizzjonali, zalzett affumikat b'mod tradizzjonali (*klobása*), fejn "affumikat b'mod tradizzjonali" tfisser l-iżvilupp tad-duħħan billi jinħaraq l-injam (zkuk, serratura, laqx tal-injam) f'affumikatur (smokehouse);

— Il-Finlandja: laħam u prodotti tal-laħam affumikati bis-sħana b'mod tradizzjonali;

— L-Iżvezja: laħam u prodotti tal-laħam affumikati fuq injam inkandexxenti jew materjali tal-pjanti oħra.

Dawk l-Istati Membri u n-negozji tal-ikel ikkonċernati għandhom ikomplu jimmonitorjaw il-preżenza ta' PAHs fil-laħam affumikat u fil-prodotti tal-laħam affumikati b'mod tradizzjonali msemmijin fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu u għandhom jiżguraw li jiġu implimentati fejn possibbli prattiki ta' affumikar tajbin, mingħajr ma jintilfu l-karatteristiċi organolettiċi tipiċi ta' dawk il-prodotti.

7. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 1, l-Istati Membri li ġejjin jistgħu jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq tagħhom tal-ħut affumikat u l-prodotti tas-sajd affumikati b'mod tradizzjonali li ġejjin, affumikati fit-territorju tagħhom u maħsuba għall-konsum fit-territorju tagħhom b'livelli ta' PAHs ogħla minn dawk stipulati fil-punt 6.1.5 tal-Anness, dejjem jekk dawk il-prodotti jikkonformaw mal-livelli massimi applikabbli qabel l-1 ta' Settembru 2014, jiġifieri 5,0 μg/kg għall-benżo(a)-piren u 30,0 μg/kg għat-total ta' benżo(a)piren, benż(a)antraċen, benżo(b)fluworanten u krisen:

— Il-Latvja: ħut affumikat bis-sħana b'mod tradizzjonali;

— Il-Finlandja: ħut żgħir u prodotti tas-sajd magħmula minn ħut żgħir affumikati bis-sħana b'mod tradizzjonali;

— L-Iżvezja: ħut u prodotti tas-sajd affumikati fuq injam inkandexxenti jew materjali tal-pjanti oħra.

Dawk l-Istati Membri u n-negozji tal-ikel ikkonċernati għandhom ikomplu jimmonitorjaw il-preżenza ta' PAHs fil-ħut affumikat u l-prodotti tas-sajd affumikati b'mod tradizzjonali msemmijin fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu u għandhom jiżguraw li jiġu implimentati fejn possibbli prattiki ta' affumikar tajbin, mingħajr ma jintilfu l-karatteristiċi organolettiċi tipiċi ta' dawk il-prodotti.

▼B

*Artikolu 8*

**Kampjunar u analiżi**

Il-kampjunar u l-analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-livelli massimi speċifikati fl-Anness għandhom isiru skond ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1882/2006 [nitrati] ([1]), Nru 401/2006 ([2]), Nru 1883/2006 [dijossini u PCBs li jixbħu lid-dijossini] ([3]) u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2001/22/KE ([4]), 2004/16/KE ([5]) u 2005/10/KE ([6]).

([1]) Ara paġna 25 għal dan il-Ġurnal Uffiċjali.
([2]) ĠU L 70, 9.3.2006, p. 12.
([3]) Ara paġna 32 għal dan il-Ġurnal Uffiċjali
([4]) ĠU L 77, 16.3.2001, p. 14. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2005/4/KE (ĠU L 19, 21.1.2005, p. 50).
([5]) ĠU L 42, 13.2.2004, p. 16.
([6]) ĠU L 34, 8.2.2005, p. 15.

▼M25

*Artikolu 9*

**Monitoraġġ u rapportar**

1. L-Istati Membri għandhom jissorveljaw il-livelli tan-nitrati fil-ħxejjex li jista' jkun fihom livelli sinifikanti, b'mod partikolari l-ħxejjex ħodor b'ħafna weraq, u jikkomunikaw ir-riżultati fuq bażi regolari lill-EFSA.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni sommarju tas-sejbiet dwar l-aflatossini li jkunu nġabru skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 884/2014 ([1]) u d-dejta tal-okkorrenzi individwali għandha tiġi rrapurtata lill-EFSA mill-Istati Membri.

3. L-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati professjonali għandhom jikkomunikaw, kull sena, ir-riżultati tal-investigazzjonijiet li jsiru lill-Kummissjoni u l-progress fir-rigward tal-applikazzjoni tal-miżuri ta' prevenzjoni biex tkun evitata l-kontaminazzjoni bl-okratossina A, id-deossinivalenol, iz-zearalenon, il-fumonisin B1 u B2, T-2 u t-tossina HT-2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dawn ir-riżultati disponibbli għall-Istati Membri. Id-dejta relatata dwar l-okkorrenza għandha tiġi rrapurtata lill-EFSA.

▼M37

4. Sal-1 ta’ Jannar 2023, l-Istati Membri u l-partijiet interessati għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni r-riżultati tal-investigazzjonijiet imwettqa u l-progress fir-rigward tal-applikazzjoni tal-miżuri ta’ prevenzjoni biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni mill-iskleroti tal-ergotina u l-alkalojdi tal-ergotina fis-segala u l-prodotti tat-tħin tas-segala u l-alkalojdi tal-ergotina fil-prodotti tat-tħin tal-ħbub tax-xgħir, tal-qamħ, tal-farru u tal-ħafur.

L-Istati Membri u l-partijiet interessati għandhom jirrapportaw regolarment fil-bażi tad-*data* tal-EFSA, id-*data* tal-okkorrenza dwar l-iskleroti tal-ergotina u l-alkalojdi tal-ergotina fis-segala u l-prodotti tat-tħin tas-segala u dwar l-alkalojdi tal-ergotina fil-prodotti tat-tħin tal-ħbub tax-xgħir, tal-qamħ, tal-farru u tal-ħafur.

▼M25

5. Id-dejta ta' okkorrenza dwar kontaminanti oħra barra dawk imsemmija fil-paragrafi 1 sa 4 miġbura mill-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati professjonali tista' tiġi rrapurtata lill-EFSA.

6. Id-dejta ta' okkorrenza għandha tkun ipprovduta lill-EFSA fil-format tal-preżentazzjoni tad-dejta tal-EFSA f'konformità mar-rekwiżiti tal-gwida tal-EFSA “Guidance on Standard Sample Description (SSD) for Food and Feed” ([2]) u r-rekwiżiti addizzjonali speċifiċi tar-rappurtar tal-EFSA għall-kontaminanti speċifiċi. Id-dejta tal-okkorrenza minn organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati professjonali tista' tingħata lill-EFSA, jekk xieraq, f'format ta' preżentazzjoni tad-dejta simplifikata, definit mill-EFSA.

▼B

*Artikolu 10*

**Revoka**

Ir-Regolament (KE) 466/2001 huwa rrevokat.

---

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 884/2014 tat-13 ta' Awwissu 2014 li jimponi kundizzjonijiet speċjali għar-regolamentazzjoni tal-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel minn ċertu pajjiżi terzi minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bl-aflatossini u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1152/2009 (ĠU L 242, 14.8.2014, p. 4).

([2]) http://www.efsa.europa.eu/en/datex/datexsubmitdata.htm

▼B

Referenzi għar-Regolament irrevokat għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 11*

**Miżuri tranżitorji**

▼M11

Ir-Regolament ma japplikax għall-prodotti li kienu tqiegħdu fis-suq qabel id-dati li jissemmew fil-punti minn (a) sa (f) b'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli fid-data rispettiva:

(a) L-ewwel ta' 1 ta' Lulju 2006 fir-rigward tal-livelli massimi għad *deoxynivalenol* u *ż-zearalenone* stipulati fil-punti 2.4.1, 2.4.2., 2.4.4, 2.4.5, 2.4.6, 2.4.7, 2.5.1, 2.5.3, 2.5.5 u 2.5.7 ta' l-Anness,

▼M1

(b) L-1 ta' Ottubru 2007 fir-rigward tal-livelli massimi għad-deoxynivalenol u z-zearalenone stipulati fil-punti 2.4.3, 2.4.8, 2.4.9, 2.5.2, 2.5.4, 2.5.6, 2.5.8, 2.5.9 u 2.5.10 ta' l-Anness,

▼B

(c) L-ewwel ta' 1 ta' Ottubru 2007 fir-rigward tal-livelli massimi għall-*fumonisins* $B_1$ u $B_2$ stipulati fil-punt 2.6 ta' l-Anness,

(d) 4 ta' Novembru 2006 fir-rigward tal-livelli massimi għas-somma tad-dijossini u l-PCB s li jixbħu lid-dijossini stipulati fis-sezzjoni 5 ta' l-Anness ,

▼M11

(e) l-01 ta' Jannar 2012 fir-rigward tal-livelli massimi għall-PCBs li ma jixbħux lid-dijossini stipulati fit-taqsima 5 tal-Anness,

(f) l-01 ta' Jannar 2015 fir-rigward tal-livell massimu għall-Okratossina A fil-*Capsicum* spp. stipulat fil-punt 2.2.11. tal-Anness.

▼B

Il-piż tal-prova meta l-prodotti kienu tqegħdu fis-suq għandu jinġarr mill-operatur tan-negozju ta' l-ikel.

*Artikolu 12*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Marzu 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

*ANNESS*

**Livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti ta' l-ikel** ([1])

▼M8

*Taqsima 1: Nitrat*

| Oġġetti tal-ikel ([1]) | | Livelli massimi (mg $NO_3$/kg) | |
|---|---|---|---|
| 1.1 | Spinaċi friska (*Spinacia oleracea*) ([2]) | | 3 500 |
| 1.2 | Spinaċi ippriżervata, iffriżata b'temperatura baxxa ħafna jew iffrizata | | 2 000 |
| 1.3 | Ħass frisk (*Lactuca sativa* L.) (protett u ikkultivat fil-beraħ) li jeskludi l-ħass elenkat fil-punt 1.4. | Maħsud mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Marzu:<br>ħass ikkultivat taħt protezzjoni<br>ħass ikkultivat fil-beraħ<br><br>Maħsud mill-1 ta' April sat-30 ta' Settembru:<br>ħass ikkultivat taħt protezzjoni<br>ħass ikkultivat fil-beraħ | <br>5 000<br>4 000<br><br><br>4 000<br>3 000 |
| 1.4 | Ħass tat-tip "Iceberg" | Ħass ikkultivat taħt protezzjoni<br><br>Ħass ikkultivat fil-beraħ | 2 500<br><br>2 000 |
| 1.5 | Rukola (*Eruca sativa*, *Diplotaxis sp*, *Brassica tenuifolia*, *Sisymbrium tenuifolium*) | Maħsuda mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Marzu:<br><br>Maħsuda mill-1 ta' April sat-30 ta' Settembru: | 7 000<br><br>6 000 |
| 1.6 | Ikel ipproċessat b'bażi ta' ċereali u ikel tat-trabi għat-tfal ta' età infantili u għat-tfal iż-żgħar ([3]) ([4]) | | 200 |

▼B

*Taqsima 2: Mikotossini*

| Oġġetti ta' l-ikel ([1]) | | Livelli massimi µg/kg | | |
|---|---|---|---|---|
| 2.1. | **Aflatossini** | $B_1$ | Is-somma ta' $B_1$, $B_2$, $G_1$ u $G_2$ | $M_1$ |
| 2.1.1. | Ġewż tal-art (il-karawett) u żrieragħ oħra taż-żejt ([40]) li għandhom jiġu magħżulin, jew jingħataw xi trattament fiżiku ieħor, qabel ma jiġu kkunsmati mill-bniedem jew jintużaw bħala ingredjent fl-oġġetti tal-ikel<br><br>minbarra:<br>— il-ġewż tal-art (il-karawett) u żrieragħ oħra taż-żejt għat-tifrik fil-produzzjoni taż-żejt veġetali rfinut | 8,0 ([5]) | 15,0 ([5]) | — |
| 2.1.2. | Il-lewż, il-pistaċċi u l-għadma tal-berquqa li se jiġu magħżulin jew jingħataw xi trattament fiżiku ieħor, qabel ma jiġu kkunsmati mill-bniedem jew jintużaw bħala ingredjent fl-oġġetti tal-ikel | 12,0 ([5]) | 15,0 ([5]) | — |

▼M5

| Oġġetti ta' l-ikel (1) | | Livelli massimi µg/kg | | |
|---|---|---|---|---|
| 2.1.3. | Il-ġellewż u l-ġewż tal-Brażil li se jiġu magħżulin, jew jingħataw xi trattament fiżiku ieħor qabel ma jiġu kkunsmati mill-bniedem jew jew jintużaw bħala ingredjent fl-oġġetti tal-ikel | 8,0 (5) | 15,0 (5) | |
| 2.1.4. | Il-ġewż tas-siġar, minbarra dawk elenkati fi 2.1.2 u 2.1.3, li għandhom jiġu magħżulin, jew jingħataw xi trattament fiżiku ieħor, qabel ma jiġu kkunsmati mill-bniedem jew jintużaw bħala ingredjent fl-oġġetti tal-ikel | 5,0 (5) | 10,0 (5) | — |
| 2.1.5. | Il-ġewż tal-art (il-karawett) u żrieragħ taż-żejt oħra (40) u l-prodotti pproċessati tagħhom, maħsuba għall-konsum dirett mill-bniedem jew biex jintużaw bħala ingredjent fl-oġġetti tal-ikel,<br>minbarra:<br>— iż-żjut veġetali mhux irfinuti li huma maħsuba biex ikunu rfinuti<br>— iż-żjut veġetali rfinuti | 2,0 (5) | 4,0 (5) | — |
| 2.1.6. | Il-lewż, il-pistaċċi u l-għadam tal-berquq li huma maħsubin biex jiġu kkunsmati direttament mill-bniedem jew jintużaw bħala ingredjent fl-oġġetti tal-ikel (41) | 8,0 (5) | 10,0 (5) | — |
| 2.1.7. | Il-ġellewż u l-ġewż tal-Brażil li huma maħsubin biex jiġu kkunsmati direttament mill-bniedem jew jintużaw bħala ingredjent fl-oġġetti tal-ikel (41) | 5,0 (5) | 10,0 (5) | |
| 2.1.8. | Il-ġewż tas-siġar, minbarra dawk elenkati fit-2.1.6 u t-2.1.7, u l-prodotti pproċessati tagħhom, li huma maħsuba biex jiġu kkunsmati mill-bniedem jew jintużaw bħala ingredjent fl-oġġetti tal-ikel | 2,0 (5) | 4,0 (5) | — |
| ▼M12 | | | | |
| 2.1.9. | Frott imnixxef, minbarra t-tin imqadded, li jrid ikun soġġett għall-issortjar, jew trattament fiżiku ieħor, qabel il-konsum mill-bniedem jew l-użu bħala ingredjent fl-oġġetti tal-ikel | 5,0 | 10,0 | — |
| 2.1.10. | Frott imnixxef, minbarra t-tin imqadded, u prodotti pproċessati tiegħu, maħsuba għall-konsum dirett mill-bniedem jew għall-użu bħala ingredjent fl-oġġetti tal-ikel | 2,0 | 4,0 | — |
| ▼M5 | | | | |
| 2.1.11. | Iċ-ċereali kollha u l-prodotti kollha li huma dderivati miċ-ċereali, inklużi l-prodotti taċ-ċereali pproċessati, ħlief l-oġġetti tal-ikel elenkati fit-2.1.12, it-2.1.15 u t-2.1.17 | 2,0 | 4,0 | — |
| 2.1.12. | Il-qamħirrum u r-ross li huwa maħsub biex jiġi magħżul jew jingħata xi trattament fiżiku ieħor qabel ma jiġi kkunsmat mill-bniedem jew jintuża bħala ingredjent fl-oġġetti tal-ikel | 5,0 | 10,0 | — |
| 2.1.13. | Il-ħalib nej (6), il-ħalib ittrattat bis-sħana u l-ħalib għall-manifattura tal-prodotti bbażati fuq ħalib | — | — | 0,050 |
| 2.1.14. | L-ispeċi ta' ħwawar li ġejjin:<br>*Capsicum spp* (il-frott imnixxef tiegħu, sħiħ jew mitħun, inkluż il-bżar aħmar jaħraq, it-trab tal-bżaru, il-cayenne u l-paprika)<br>*Piper spp* (il-frott tiegħu, inkluż il-bżar abjad u iswed)<br>*Myristica fragrans* (in-noċemuskata)<br>*Zingiber officinale* (il-ġinġer)<br>*Curcuma longa* (iż-żagħfran tal-Indja)<br>Taħlitiet ta' ħwawar li fihom waħda jew aktar mill-ħwawar imsemmija hawn fuq | 5,0 | 10,0 | — |

▼M5

| | Oġġetti ta' l-ikel ([1]) | Livelli massimi µg/kg | | |
|---|---|---|---|---|
| 2.1.15. | Ikel ipproċessat b'bażi ta' ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar ([3]), ([7]) | 0,10 | — | — |
| 2.1.16. | Formula għat-trabi u formula għal dawk it-trabi li qabżu s-sitt xhur, inklużi l-ħalib tat-trabi u l-ħalib tat-trabi ta' iktar minn sitt xhur ([4]), ►M20 ([3]) ◄ | — | — | 0,025 |
| 2.1.17. | Ikel tad-dieta għal raġunijiet mediċi speċjali ►M20 ([3]) ◄, ([10]) maħsub speċifikament għat-trabi | 0,10 | — | 0,025 |
| ▼M12 | | | | |
| 2.1.18. | Tin imqadded | 6,0 | 10,0 | — |
| ▼M42 | | | | |
| 2.2 | **Okratossina A** | | | |
| 2.2.1 | Ċereali mhux proċessati ([18]) | 5,0 | | |
| 2.2.2 | Il-prodotti kollha, derivati/ipproċessati minn ċereali mhux ipproċessati, bl-eċċezzjoni tal-oġġetti tal-ikel elenkati f' 2.2.3, 2.2.4, 2.2.5, 2.2.12 u 2.2.13<br>Ċerali mqiegħda fis-suq għall-konsumatur finali | 3,0 | | |
| 2.2.3 | Prodotti tal-ħami, snacks taċ-ċereali u ċereali tal-kolazzjon<br>— prodotti li ma fihomx żrieragħ taż-żejt, ġewż jew frott imnixxef<br>— prodotti li fihom mill-inqas 20 % frott imnixxef tad-dielja u/jew tin imqadded<br>— prodotti oħra li fihom żrieragħ taż-żejt, ġewż u/jew frott imnixxef | 2,0<br>4,0<br>3,0 | | |
| 2.2.4 | Xorb tax-xgħir mhux alkoħoliku | 3,0 | | |
| 2.2.5 | Gluten tal-qamħ imqiegħed fis-suq għall-konsumatur finali | 8,0 | | |
| 2.2.6 | Frott imnixxef<br>— frott imnixxef tad-dielja (passolina, żbib u sultani) u tin imqadded<br>— frott imnixxef ieħor | 8,0<br>2,0 | | |
| 2.2.7 | Xropp tat-tamar | 15 | | |
| 2.2.8 | Kafè inkaljat<br>— kafena u kafè mitħun u inkaljat, ħlief il-kafe li jinħall<br>— kafè li jinħall (kafè istantanju) | 3,0<br>5,0 | | |
| 2.2.9 | Inbid (inkluż ibid li jfexfex, eskluż l-inbid li huwa likur u inbid li għandu kontenut ta' l-alkaħol ta' mhux inqa minn 15 % vol.) u inbid tal-frott ([11]) | 2,0 ([12]) | | |
| 2.2.10 | Inbid aromatizzat, xarbiet ibbażati fuq inbid aromatizzat u cocktails ta' prodotti ta' nbid aromatizzat ([13]) | 2,0 ([12]) | | |
| 2.2.11 | Meraq ta' l-għeneb, meraq ta' l-għeneb ikkonċentrat jew rikostitwit, nettari ta' l-għeneb, għasir ta' l-għeneb u għasir ikkonċentrat ta' l-għeneb, imqiegħed fis-suq għall-konsumatur finali ([14]) | 2,0 ([12]) | | |

▼M42

| Oġġetti ta' l-ikel [1] | | Livelli massimi μg/kg |
|---|---|---|
| 2.2.12 | Ikel ipproċessat tat-trabi u tfal żgħar ibbażat fuq iċ-ċereali u ikel tat-trabi [3] [7] | 0,50 |
| 2.2.13 | Ikel djetetiku għal skopijiet mediċi speċjali maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar [3] [10] | 0,50 |
| 2.2.14 | Ħwawar, inklużi l-ħwawar imnixxfa, għajr *Capsicum spp.*<br>*Capsicum spp.* (il-frott imnixxef tiegħu, sħiħ jew mitħun, inkluż il-bżar aħmar jaħraq, it-trab tal-bżar aħmar jaħraq, il-cayenne u l-paprika)<br>Taħlitiet ta' ħwawar | 15<br>20<br>15 |
| 2.2.15 | Likorizja (*Glycyrrhiza glabra*, *Glycyrrhiza inflate* u speċji oħra)<br>— għerq tal-likorizja, inkluż bħala ingredjent fl-infużjonijiet erbali<br>— estratt tal-likorizja [42] għall-użu fl-ikel b'mod partikolari xorb u prodotti tal-ħelu<br>— ħlewwiet tal-likorizja li fihom ≥ 97% estratt tal-likorizja fuq bażi xotta<br>— ħelu ieħor tal-likorizja | 20<br>80<br>50<br>10,0 |
| 2.2.16 | Ħwawar imnixxfin | 10,0 |
| 2.2.17 | Għeruq tal-ġinġer għall-użu f'infużjonijiet erbali<br>Għeruq marshmallows, għeruq taż-żagħfran u nwar oranġjo għall-użu f'infużjonijiet erbali jew f'sostituti tal-kafè | 15<br>20 |
| 2.2.18 | Żerriegħa tal-ġirasol, żerriegħa tal-qargħa ħamra, żerriegħa tal-bettieħ (dulliegħ), fażola tas-sojja | 5,0 |
| 2.2.19 | Pistaċċi li għandhom jiġu ssortjati, jew suġġetti għal trattament fiżiku ieħor, qabel ma jitqiegħdu fis-suq għall-konsumatur finali jew jintużaw bħala ingredjent fl-ikel<br>Pistaċċi mqiegħda fis-suq għall-konsumatur finali jew għall-użu bħala ingredjent fl-oġġetti tal-ikel | 10,0<br>5,0 |
| 2.2.20 | Trab tal-kawkaw | 3,0 |
| ▼B | | |
| 2.3 | **Patulin** | |
| 2.3.1 | Meraq tal-frott, meraq tal-frott ikkonċentrat bħala nettari tal-fott rikostitwit [14] | 50 |
| 2.3.2 | Xarbiet ta' spirti [15], sidru u xarbiet iffermentati derivati mit-tuffieħ jew li fihom il-meraq ikkonċentrat tat-tuffieħ | 50 |

▼B

| Oġġetti ta’ l-ikel [1] | | Livelli massimi µg/kg |
|---|---|---|
| 2.3.3 | Prodotti solidi ta’ tuffieħ, inklużi ix-xropp tat-tuffieħ ippriżervat, il-puree tat-tuffieħ maħsub għall-konsum dirett mill-bniedem bl-eċċezzjoni ta’ l-oġġetti ta’ l-ikel elenkati fi 2.3.4 u 2.3.5 | 25 |
| 2.3.4 | Meraq tat-tuffieħ u prodotti solidi tat-tuffieħ, inkluż ix-xropp ta’ tuffieħ ippriżervat u l-puree tat-tuffieħ, għat-trabi u għat-tfal żgħar [16] u ttikketjati li jinbiegħu bħala tali [4] | 10,0 |
| 2.3.5 | Ikel tat-trabi ħlief dak tat-trabi u tfal żgħar li huwa bbażat fuq ċereali [3] [4] | 10,0 |

▼M1

| | | |
|---|---|---|
| 2.4 | **Deoxynivalenol** [17] | |
| 2.4.1 | Ċereali mhux ipproċessati [18] [19] li mhux qamħ durum, ħafur jew qamħirrun | 1 250 |
| 2.4.2 | Qamħ durum u ħafur mhux ipproċessati [18] [19] | 1 750 |
| 2.4.3 | Qamħirrun mhux ipproċessat [18], ħlief qamħirrun mhux ipproċessat maħsub li jiġi pproċessat permezz ta' tħin niedi [37] | 1 750 [20] |
| 2.4.4 | Ċereali maħsuba għall-konsum dirett mill-bniedem, dqiq, granza u nebbieta taċ-ċereali, bħala prodott finali mibjugħ għall-konsum dirett mill-bniedem ħlief oġġetti ta’ l-ikel elenkati fi 2.4.7, 2.4.8 u 2.4.9 | 750 |
| 2.4.5 | Għaġin (niexef) [22] | 750 |
| 2.4.6 | Ħobż (inkluż ikel żgħir tal-forn), pasti, gallettini, ikliet żgħar ta’ ċereali u ċereali għall-kolazzjon | 500 |
| 2.4.7 | Ikel ipproċessat b’bażi ta’ ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u tfal żgħar [3] [7] | 200 |
| 2.4.8 | Frazzjonijiet tat-tħin tal-qamħirrun b'daqs tal-partiċelli > 500 mikron li jaqa' fi ħdan il-kodiċi NM 1103 13 jew 1103 20 40 u prodotti oħra tat-tħin tal-qamħirrun b'daqs tal-partiċella > 500 mikron mhux użat għall-konsum dirett mill-bniedem li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 1904 10 10 | 750 [20] |

▼M1

| Oġġetti ta' l-ikel [1] | | Livelli massimi µg/kg |
|---|---|---|
| 2.4.9 | Frazzjonijiet tat-tħin tal-qamħirrun b'daqs tal-partiċelli ≤ 500 mikron li jaqa' fi ħdan il-kodiċi NM 1102 20 u prodotti oħra tat-tħin tal-qamħirrun b'daqs tal-partiċella ≤ 500 mikron mhux użat għall-konsum dirett mill-bniedem li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 1904 10 10 | 1 250 [20] |
| 2.5 | **Zearalenone** [17] | |
| 2.5.1 | Ċereali mhux ipproċessati [18] [19] ħlief qamħirrun | 100 |
| 2.5.2 | Qamħirrun mhux ipproċessat [18] ħlief qamħirrun mhux ipproċessat maħsub li jiġi pproċessat permezz ta' tħin niedi [37] | 350 [20] |
| 2.5.3 | Ċereali maħsuba għall-konsum dirett mill-bniedem, dqiq, granza u nebbieta taċ-ċereali, bħala prodott finali mibjugħ għall-konsum dirett mill-bniedem ħlief oġġetti ta' l-ikel elenkati fi 2.5.6, 2.5.7, 2.5.8, 2.5.9 u 2.5.10 | 75 |
| 2.5.4 | Żejt tal-qamħirrun raffinat | 400 [20] |
| 2.5.5 | Ħobż (inkluż ikel żgħir tal-forn), pasti, gallettini, ikliet żgħar taċ-ċereali u ċereali għall-kolazzjon, ħlief ikliet żgħar tal-qamħirrun u ċereali għall-kolazzjon b'bażi ta' qamħirrun | 50 |
| 2.5.6 | Qamħirrun maħsub għal konsum dirett mill-bniedem, Ikliet żgħar b'bażi ta' qamħirrun u ċereali għall-kolazzjon ibbażati fuq il-qamħirrun | 100 [20] |
| 2.5.7 | Ikel ipproċessat b'bażi ta' ċereali (ħlief ikel ipproċessat b'bażi ta' qamħirrun) u ikel tat-trabi għat-trabi u tfal żgħar [3] [7] | 20 |
| 2.5.8 | Ikel ipproċessat b'bażi ta' qamħirrun għat-trabi u t-tfal żgħar [3] [7] | 20 [20] |
| 8.6.2. | Żerriegħa tal-qanneb mitħuna, (parzjalment) żerriegħa tal-qanneb bix-xaħam imneħħi u prodotti oħra derivati/ pproċessati tal-qanneb [73] bl-eċċezzjoni tal-prodotti msemmija f'8.6.3. | 3,0 |
| 8.6.3. | Żejt taż-żerriegħa tal-qanneb | 7,5 |

▼M31

*Taqsima 9: Perklorat*

| Oġġetti tal-Ikel [1] | | Livelli massimi (mg/kg) |
|---|---|---|
| 9. | **Perklorat** | |
| 9.1. | Frott u ħxejjex<br>ħlief: | 0,05 |
| | — *Cucurbitaceae* u kale | 0,10 |
| | — ħxejjex tal-weraq u ħxejjex aromatiċi | 0,50 |
| 9,2 | Tè (*Camellia sinensis*), imnixxef<br>Infużjonijiet tal-ħxejjex aromatiċi u tal-frott, imnixxfa | 0,75 |
| 9,3 | Formula tat-trabi, formula ta' prosegwiment, ikel għal skopijiet mediċi speċjali maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar u formula tat-tfal żgħar [3] [4] [57] | 0,01 |
| | Ikel tat-trabi [3] [4] | 0,02 |
| | Ikel abbażi taċ-ċereali, ipproċessat [3] [4] [39] | 0,01 |

▼M45

*Taqsima 10: Sustanzi perfluworoalkilati*

| Oġġetti tal-ikel [1] | | Livelli massimi µg/kg ta' piż nett | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | PFOS [74] | PFOA [74] | PFNA [74] | PFHxS [74] | Is-somma tal-PFOS, tal-PFOA, tal-PFNA u tal-PFHxS [74], [75] |
| 10.1 | Bajd | 1,0 | 0,30 | 0,70 | 0,30 | 1,7 |
| 10.2 | Prodotti tas-sajd [26] u molluski bivalvi biss [26] | | | | | |
| 10.2.1 | Laħam tal-ħut [24], [25] | | | | | |
| 10.2.1.1 | Laħam tal-muskoli tal-ħut, minbarra l-ħut elenkat f'10.2.1.2 u 10.2.1.3.<br>Laħam tal-muskoli tal-ħut elenkat f'10.2.1.2 u 10.2.1.3, f'każ li jkun maħsub għall-produzzjoni tal-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar. | 2,0 | 0,20 | 0,50 | 0,20 | 2,0 |

▼**M45**

| Oġġetti tal-ikel [1] | | Livelli massimi µg/kg ta' piż nett | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | PFOS [74] | PFOA [74] | PFNA [74] | PFHxS [74] | Is-somma tal-PFOS, tal-PFOA, tal-PFNA u tal-PFHxS [74], [75] |
| 10.2.1.2 | Laħam tal-muskoli tal-ħut li ġej, f'każ li ma jkunx maħsub għall-produzzjoni tal-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar:<br>Aringa tal-Baltiku (*Clupea harengus membras*)<br>Plamtu (l-ispeċijiet *Sarda* u *Orcynopsis*)<br>Lota tax-xmajjar (*Lota lota*)<br>Laċċa kaħla (*Sprattus sprattus*)<br>Barbun (*Platichthys flesus* u *Glyptocephalus cynoglossus*)<br>Mulett tal-iswed (*Mugil cephalus*)<br>Sawrell (*Trachurus trachurus*)<br>Luċċju (l-ispeċijiet *Esox*)<br>Barbun tat-tbajja' (l-ispeċijiet *Pleuronectes* u *Lepidopsetta*)<br>Sardina (l-ispeċijiet *Sardina*)<br>Spnotta (l-ispeċijiet *Dicentrarchus*)<br>Pixxigatt tal-baħar (l-ispeċijiet *Silurus* u *Pangasius*)<br>Qalfat (*Petromyzon marinus*)<br>Tinka (*Tinca tinca*)<br>Koregun abjad (*Coregonus albula* u *Coregonus vandesius*)<br>Silver lightfish (*Phosichthys argenteus*)<br>Salamun selvaġġ u trota selvaġġa (l-ispeċijiet *Salmo* u *Oncorhynchus* selvaġġi)<br>Lupu tal-baħar (l-ispeċijiet *Anarhichas*) | 7,0 | 1,0 | 2,5 | 0,20 | 8,0 |
| 10.2.1.3 | Laħam tal-muskoli tal-ħut li ġej, f'każ li ma jkunx maħsub għall-produzzjoni tal-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar:<br>Inċova (l-ispeċijiet *Engraulis*)<br>Barbju (*Barbus barbus*)<br>Abramidi (l-ispeċijiet *Abramis*)<br>Salvelinidi (l-ispeċijiet *Salvelinus*)<br>Sallur (l-ispeċijiet *Anguilla*)<br>Luċċjoperka (l-ispeċijiet *Sander*)<br>Dott tal-Ewropa ta' Fuq (*Perca fluviatilis*)<br>Laska (*Rutilus rutilus*)<br>Perlan (l-ispeċijiet *Osmerus*)<br>Whitefish (l-ispeċijiet *Coregonus*) | 35 | 8,0 | 8,0 | 1,5 | 45 |
| 10.2.2 | Krustaċji [26], [47] u molluski bivalvi. [26]<br>Għall-krustaċji l-livell massimu għandu japplika għal-laħam tal-muskoli mill-appendiċijiet u mill-addome [44]. Fil-każ tal-granċijiet u ta' krustaċej simili għall-granċijiet (*Brachyura* u *Anomura*), il-laħam tal-muskoli mill-appendiċijiet. | 3,0 | 0,70 | 1,0 | 1,5 | 5,0 |
| 10.3 | Laħam u ġewwieni li jittiekel [6] | | | | | |
| 10.3.1 | Laħam tal-annimali bovini, tal-ħnieżer u tal-pollam | 0,30 | 0,80 | 0,20 | 0,20 | 1,3 |
| 10.3.2 | Laħam tan-nagħaġ | 1,0 | 0,20 | 0,20 | 0,20 | 1,6 |
| 10.3.3 | Ġewwieni tal-annimali bovini, tan-nagħaġ, tal-ħnieżer u tal-pollam | 6,0 | 0,70 | 0,40 | 0,50 | 8,0 |

▼M45

| Oġġetti tal-ikel ([1]) | | Livelli massimi µg/kg ta' piż nett | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | PFOS ([74]) | PFOA ([74]) | PFNA ([74]) | PFHxS ([74]) | Is-somma tal-PFOS, tal-PFOA, tal-PFNA u tal-PFHxS ([74]), ([75]) |
| 10.3.4 | Laħam tal-annimali tal-kaċċa, bl-eċċezzjoni tal-laħam tal-orsijiet | 5,0 | 3,5 | 1,5 | 0,60 | 9,0 |
| 10.3.5 | Ġewwieni tal-annimali tal-kaċċa, bl-eċċezzjoni tal-ġewwieni tal-orsijiet | 50 | 25 | 45 | 3,0 | 50 |

▼B

---

►M30 ———— ◄

►M17 (**) Il-livell massimu jirreferi għal-livell ta' aċidu eruċiku, ikkalkulat skont il-livell totali ta' aċidi grassi fil-komponent ta' xaħam fl-ikel. ◄

►M25 (***) It-teħid ta' kampjuni għandu jsir f'konformità mal-punt B tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 401/2006 (ĠU L 70, 9.3.2006, p. 12).

L-analiżi għandha titwettaq minn eżami mikroskopiku.

(****) It-total ta' 12-il alkalojda tal-ergotina: ergokristina/ergokristinina; ergotammina/ergotaminina; ergokriptina/ergokriptinina; ergometrina/ergometrinina; ergosina/ergosinina; ergokornina/ergokorninina.

(*****) Livelli massimi xierqa u li jistgħu jinkisbu, li jipprovdu livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem, għandhom jiġu kkunsidrati għal dawn il-kategoriji tal-ikel rilevanti qabel l-1 ta' Lulju 2017. ◄

►M26 (******) L-alkalojdi tropaniċi msemmija huma l-atropina u l-iskopolamina. L-atropina hija taħlita raċemika ta' (-)-joxjamina u (+)-joxjamina li minnha l-enantjomeru (-)-joxjamina biss juri attività antikolinerġika. Billi, minħabba raġunijiet analitiċi, mhux dejjem ikun possibbli li wieħed jiddistingwi bejn l-enantjomeri tal-joxjamina, il-livelli massimi huma stabbiliti għall-atropina u għall-iskopolamina. ◄

►M24 (*******) Il-preparati botaniċi huma preparati miksuba minn materjali botaniċi (eż. partijiet sħaħ ta' pjanti, pjanti frammentati jew maqtugħa) b'diversi modi (eż. l-ippressar, l-għasir, l-estrazzjoni, l-frazzjonament, id-distillazzjoni, il-konċentrazzjoni, it-tnixxif u l-fermentazzjoni). Din id-definizzjoni tinkludi pjanti imfarrka jew mitħuna, partijiet ta' pjanti, alka, faqqiegħ, likeni, tinturi, estratti, żjut essenzali (minbarra ż-żjut veġetali msemmija fil-punt 6.1.1), sugi espressi u efużjonijiet proċessati.

(********) Il-livell massimu ma japplikax għal supplimenti tal-ikel li fihom żjut veġetali. Iż-żjut veġetali użati bħala ingredjent fis-supplimenti tal-ikel għandhom jikkonformaw mal-livell massimu stabbilit fil-punt 6.1.1. ◄

►M33 (*********) Kif iddefiniti fil-Parti VIII tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

(**********) "Il-formuli maħsubin għat-tfal iż-żgħar" jirreferu għal xarbiet abbażi tal-ħalib u prodotti li jixbhuhom abbażi tal-proteina maħsubin għat-tfal iż-żgħar. Dawn il-prodotti ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 609/2013 (ara r-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-formuli tat-tfal żgħar (COM/2016/0169 final) li jinsab hawn: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52016DC0169&qid=1559628885154&from=MT).

(***********) Il-livelli massimi għandhom jibdew japplikaw mill-1 ta' Jannar 2021 'il quddiem fil-każ taż-żejt tal-ħuta u taż-żjut minn organiżmi tal-baħar oħrajn u fil-każ tal-formuli maħsubin għat-tfal iż-żgħar.

(************) Il-livelli massimi għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2021 'il quddiem.

(*************) Iż-żjut u x-xaħmijiet li jintużaw bħala ingredjenti fit-taħlita għandhom jikkonformaw mal-livell massimu stabbilit għaż-żejt u għax-xaħam. Għalhekk, il-livell tal-ammont totali tat-3-monokloropropandiol (it-3-MCPD) u tal-esteri tat-3-MCPD tal-aċidi grassi espressi bħala 3-MCPD fit-taħlita, ma għandux jaqbeż il-livell ikkalkulat skont l-Artikolu 2(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006. F'każ li l-kompożizzjoni kwantitattiva ma tkunx magħrufa għall-awtorità kompetenti u għall-operatur tan-negozju tal-ikel li ma jkunux qed jipproduċu t-taħlita, il-livell tal-ammont totali tat-3-MCPD u tal-esteri tat-3-MCPD tal-aċidi grassi espressi bħala 3-MCPD fit-taħlita fi kwalunkwe każ ma għandux jaqbeż l-2 500 mikrogramma għal kull kilogramm.

▼B

(*************) Meta l-prodott ikun taħlita ta' żjut jew ta' xaħmijiet differenti tal-istess oriġini jew ta' oriġini botanika differenti, il-livell massimu japplika għat-taħlita. Iż-żjut u x-xaħmijiet li jintużaw bħala ingredjenti fit-taħlita għandhom jikkonformaw mal-livell massimu stabbilit għaż-żejt u għax-xaħam fil-punt 4.3.1.

(**************) Dan il-livell massimu għandu jiġi eżaminat mill-ġdid fi żmien sentejn mid-data tal-applikazzjoni bil-għan li jitnaqqas. ◄

►M37 (1) Fir-rigward tal-frott, il-ħxejjex u ċ-ċereali, issir referenza għall-oġġetti tal-ikel elenkati fil-kategorija rilevanti kif definit fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1). Dan ifisser, *inter alia*, li l-qamħ saraċin (*Fagopyrum* sp) huwa inkluż fiċ-"ċereali" u l-prodotti tal-qamħ saraċin huma inklużi fil-"prodotti taċ-ċereali". Il-ġewż tas-siġar mhumiex koperti mil-livell massimu għall-frott. ◄

(2) Il-livelli massimi ma japplikawx għall-ispinaċi frisk li huwa soġġett għall-ipproċessar u li huwa direttament trasportat bl-ingrossa mill-għalqa sa l-impjant ta l-ipproċessar.

►M20 (3) L-oġġetti tal-ikel elenkati f'din il-kategorija kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/52/KEE, id-Direttivi tal-Kummissjoni 96/8/KE, 1999/21/KE, 2006/125/KE u 2006/141/KE, id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 u (KE) Nru 953/2009 (ĠU L 181, 29.6.2013, p. 35). ◄

(4) Il-livell massimu jirreferi għall-prodotti lesti għall-użu (mqiegħda fis-suq bħala tali jew kostitwiti mill-ġdid kif avżat mill-fabbrikant).

(5) ►M5 Il-livelli massimi jirriferu għall-parti li tittiekel tal-ġewż tal-art (il-karawett) u tal-ġewż tas-siġar. Jekk jiġu analizzati l-ġewż tal-art (il-karawett) u l-ġewż tas-siġar "bil-qoxra", wieħed jista' jassumi meta jiġi kkalkolat il-kontenut tal-alfatossini li l-kontaminazzjoni kollha tinsab fil-parti li tittiekel ħlief fil-każ tal-ġewż tal-Brażil. ◄

(6) Oġġetti ta l-ikel elenkati fdin il-kategorija kif inhuma definiti mir-Regolament (KE) Nru. 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta April 2004 li jistabbilixxi regoli speċifiċi ta iġjene għal ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 226, 25.6.2004, p. 22).

(7) Il-livelli massimi jirreferu għall-materja niexfa. Il-materja niexfa tiġi osservata skond ir-Regolament (KE) Nru. 401/2006.

►M20 ———— ◄

(10) Il-livell massimu jirreferi fil-każ tal-ħalib u prodotti tal-ħalib, għall-prodotti li huma lesti għall-użu (li jinbiegħu hekk kif inhuma jew rikostitwiti kif indikat mill-manufattur) u fil-każ ta prodotti oħrajn li mhumiex ħalib jew prodotti tagħhom, għall-materja niexfa. Il-materja niexfa hija osservata skond ir-Regolament (KE) Nru 401/2006.

►M20 (11) L-inbid u l-inbid spumanti kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79,(KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671). ◄

(12) Il-livell massimu japplika għall-prodotti li huma prodotti mill-ħsad ta l-2005 l quddiem.

►M20 (13) L-oġġetti tal-ikel elenkati f'din il-kategorija kif defniti fir-Regolament (UE) Nru 251/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 26 ta' Frar 2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzat u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91 (ĠU L 84, 20.3.2014, p. 14).

Il-livell massimu għall-OTA applikabbli għal dawn ix-xarbiet huwa funzjoni tal-proporzjon ta' nbid u/jew għeneb li għandu jkun preżenti fil-prodott finali. ◄

(14) Oġġetti ta l-ikel elenkati fdin il-lista li huma definiti fid-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE ta l-20 ta Diċembru 2001 fir-rigward tal-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum dirett mill-bniedem (ĠU L 10, 12.1.2002, p. 58).

(15) Oġġetti ta l-ikel fdin il-kategorija kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89 tad-29 ta Mejju 1989 li jistabbilxxu regoli ġenerali dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni ta xarbiet ta spirti (ĠU L 160, 12.6.1989, p. 1) kif emendat l-aħħar mill-Protokoll li jikkonċerna l-arranġamenti għall-ammissjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea.

▼B

►M20 ([16]) It-trabi u t-tfal żgħar kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/52/KEE, id-Direttivi tal-Kummissjoni 96/8/KE, 1999/21/KE, 2006/125/KE u 2006/141/KE, id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 u (KE) Nru 953/2009 (ĠU L 181, 29.6.2013, p. 35). ◄

([17]) Għar-raġunijiet ta l-applikazzjoni tal-livelli massimi għad-*deoxynivalenol*, *zearalenone*, tossini T-2 u HT-2 stabbiliti fil-punti 2.4, 2.5 u 2.7 ir-ross mhux inkluż bħala "ċereali" u l-prodotti tar-ross mhumiex inklużi bħala "prodotti taċ-ċereali".

►M37 ([18]) Il-livell massimu japplika għaċ-ċereali mhux ipproċessati mqiegħda fis-suq qabel l-ipproċessar tal-ewwel stadju. Fis-sistemi ta' produzzjoni u proċessar integrati, il-livell massimu japplika fil-katina tal-produzzjoni fl-istadju qabel l-ipproċessar tal-ewwel stadju. Sistemi ta' produzzjoni u pproċessar integrati tfisser sistemi fejn il-lottijiet kollha li deħlin jitnaddfu, jiġu sseparati u jiġu pproċessati fl-istess stabbiliment.

It-tnixxif u t-tindif, inkluż is-separazzjoni (separazzjoni skont il-kuluri fejn applikabbli) u l-għorik mhumiex meqjusa bħala "proċessar tal-ewwel stadju" sakemm il-ħabba sħiħa tibqa' intatta.

L-għorik huwa t-tindif taċ-ċereali billi jiġu bbraxxjati jew jingħorku b'mod vigoruż, flimkien mat-tneħħija tat-trab (eż. aspirazzjoni).

F'każ li t-togħrik jiġi applikat fil-preżenza tal-iskleroti tal-ergotina, iċ-ċereali jridu l-ewwel jgħaddu minn pass ta' tindif qabel it-togħrik. ◄

([19]) Il-livell massimu japplika għaċ-ċereali mill-ħsad u miġburin, mis-snin ta tqegħid fis-suq ta l-2005/2006, skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 824/2000 tad-19 ta April 2000 li jistabbilixxi proċeduri għall-ġbir taċ-ċereali mill-aġenziji ta intervent u jistpula metodi ta analiżi għall-osservanza tal-kwalità taċ-ċereali (ĠU L 100, 20.4.2000, p. 31) kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1068/2005 (ĠU L 174, 7.7.2005, p. 65).

►M1 ([20]) Il-livell massimu għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2007. ◄

►M1 —————— ◄

([22]) Għaġin (imnixxef) ifisser għaġin bkontenut ta ilma ta bejn wieħed u ieħor 12 %.

([23]) Il-livell massimu għandu japplika mill-1 ta Ottubru 2007.

([24]) Il-ħut elenkat fdin il-kategorija kif inhuma definiti fil-kategorija (a), bl-esklużjoni tal-fwied tal-ħut li jaqgħu taħt il-kodiċi CN 0302 70 00, tal-lista fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22.) kif emendat l-aħħar mill-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Estona, ir-Repubblika taċ-Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta l-Ungerija, ir-Repubblika ta Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka u l-aġġustamenti lit-Trattati li fuqhom hija fondata l-Unjoni Ewropea (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33). Fil-każ ta oġġetti ta l-ikel li huma mnixxfin, dilwiti, pproċessati u/jew komposti japplikaw l-Artikolu 2(1) u 2(2).

([25]) Fejn ħut huwa maħsub biex jittikel sħiħ, il-livell massimu għandu jgħodd għall-ħut sħiħ.

►M22 ([26]) L-oġġetti tal-ikel li jaqgħu fil-kategoriji (c) u (i) tal-lista fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1), kif inhu xieraq (speċi kif elenkati fl-entrata rilevanti). Fil-każ ta oġġetti tal-ikel li huma mnixxfin, dilwiti, pproċessati u/jew komposti japplika l-Artikolu 2(1) u 2(2). Fil-każ tal-Pecten maximus, il-livell massimu japplika biss għall-muskolu adduttur u għall-gonadi. ◄

([27]) Il-livell massimu japplika wara l-ħasil tal-frott u l-ħaxix u s-separazzjoni tal-parti li tittiekel.

►M20 —————— ◄

([29]) Il-livell massimu jirreferi għall-prodott kif jinbiegħ.

([30]) Il-livell massimu jingħata għall-prodott likwidu li fih 40 % materja niexfa, li tikkorrispondi għal-livell massimu ta 50 mikro kilogramma ta materja niexfa. Il-livell għandu jiġi aġġustat proporzjonalment skond kontenut tal-materja niexfa tal-prodott.

▼B

([31]) ►M9 Diossini (is-somma ta' dibenżo-para-diossini poliklorinati (PCDDs) u dibenżofurani polikolorinati (PCDFs), expressi bħala ekwivalenza ta tossiċità tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) permezz tal-fatturi ta' ekwivalenza ta' tossiċità tad-WHO (WHO-TEFs)) u s-somma tad-diossini u tal-PCBs simili għad-diossini (is-somma tal-PCDDs, PCDFs u l-poliklorobifenili (PCBs), expressi bħala ekwivalenza tossikoloġika tad-WHO permezz tad-WHO-TEFs). Id-WHO-TEFs għall-valutazzjoni tar-riskju tal-bniedem ibbażata fuq il-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-esperti tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) – Programm Internazzjonali dwar is-Sikurezza Kimika (IPCS) li saret f'Ġinevra f'Ġunju 2005 (Martin van den Berg et al., The 2005 World Health Organization Re-evaluation of Human and Mammalian Toxic Equivalency Factors for Dioxins and Dioxin-like Compounds. Toxicological Sciences 93(2), 223–241 (2006))

| Konġeneru | Valur TEF | Konġeneru | Valur TEF |
|---|---|---|---|
| **Dibenżo-p-diossini ("PCDDs")** | | **PCB "simili għad-diossini" PCBs mhux orto + PCBs Mono-orto** | |
| 2,3,7,8-TCDD | 1 | *PCBs mhux orto* | |
| 1,2,3,7,8-PeCDD | 1 | PCB 77 | 0,0001 |
| 1,2,3,4,7,8-HxCDD | 0,1 | PCB 81 | 0,0003 |
| 1,2,3,6,7,8-HxCDD | 0,1 | PCB 126 | 0,1 |
| 1,2,3,7,8,9-HxCDD | 0,1 | PCB 169 | 0,03 |
| 1,2,3,4,6,7,8-HpCDD | 0,01 | | |
| OCDD | 0,0003 | | |
| **Dibenżofurans ("PCDFs")** | | *PCBs mono-orto* | |
| 2,3,7,8-TCDF | 0,1 | PCB 105 | 0,00003 |
| 1,2,3,7,8-PeCDF | 0,03 | PCB 114 | 0,00003 |
| 2,3,4,7,8-PeCDF | 0,3 | PCB 118 | 0,00003 |
| 1,2,3,4,7,8-HxCDF | 0,1 | PCB 123 | 0,00003 |
| 1,2,3,6,7,8-HxCDF | 0,1 | PCB 156 | 0,00003 |
| 1,2,3,7,8,9-HxCDF | 0,1 | PCB 157 | 0,00003 |
| 2,3,4,6,7,8-HxCDF | 0,1 | PCB 167 | 0,00003 |
| 1,2,3,4,6,7,8-HpCDF | 0,01 | PCB 189 | 0,00003 |
| 1,2,3,4,7,8,9-HpCDF | 0,01 | | |
| OCDF | 0,0003 | | |

Abbrevjazzjonijiet użati: "T" = tetra; "Pe" = penta; "Hx" = eża; "Hp" = etta; "O" = otta; "CDD" = klorodibenżodiossina; "CDF" = klorodibenżofuran; "CB" = klorobifenili. ◄

([32]) Konċentrazzjoni li joqorbu lejn l-ogħla limitu Konċentrazzjonijiet li joqorbu lejn l-ogħla limitu ikkalkolat skond is-suppożizzjoni li l-valuri kollha tal-koġeneri differenti taħt il-limitu tal-kwantifikazzjoni huma l-istess bħal tal-limitu ta kwantifikazzjoni.

([33]) ►M9 Il-livell massimu espress dwar ix-xaħam mhuwiex applikabbli għall-ikel li fih inqas minn 2 % ta' xaħam. Għal ikel li għandu inqas minn 2 % ta' xaħam, il-livell massimu applikabbli huwa l-livell abbażi tal-prodott li jikkorrispondi mal-livell abbażi tal-prodott għall-ikel li għandu 2 % ta' xaħam, ikkalkulat mil-livell massimu stabbilit abbażi tax-xaħam, li jużaw il-formula li ġejja:

Il-livell massimu espress abbażi tal-prodott għal ikel li fih inqas minn 2 % ta' xaħam = livell massimu espress f'xaħam għal dak l-ikel × 0,02. ◄

►M2 ([34]) Oġġetti ta' l-ikel elenkati f'din il-kategorija kif definiti fil-kategoriji (a), (b), (c), (e) u (f) tal-lista fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 104/2000, għajr għal fwied tal-ħut imsemmi fil-punt 5.11. ◄

►M7 ———————— ◄

►M22 ([36]) Oġġetti tal-ikel elenkati f'din il-kategorija kif definiti fil-kategorija (b), (c) u (i) tal-lista fl-Anness 1 tar-Regolament (KE) Nru 1379/2013. ◄

▼B

►M1 (37) L-eżenzjoni tapplika biss għall-qamħirrun li huwa evidenti eż. permezz ta' ttikkettjar, destinazzjoni, li jkun maħsub biss għall-użu fi proċess ta' tħin niedi (produzzjoni tal-lamtu). ◄

►M2 (39) Fil-każ ta’ fwied tal-ħut fil-laned, il-livell massimu japplika għall-kontenut kollu tal-landa li jista’ jittiekel. ◄

►M3 (39) Il-livell massimu japplika għas-supplimenti ta’ l-ikel kif jinbiegħu. ◄

►M5 (40) Żrieragħ taż-żejt li jidħlu fl-ambitu tal-kodiċi NM 1201, 1202, 1203, 1204, 1205, 1206, 1207 u l-prodotti dderivati NM 1208; żrieragħ tal-bettiegħ jidħlu taħt il-kodiċi ex 1207 99.

(41) Fil-każ li l-prodotti dderivati minnhom/ipproċessati tagħhom ikunu dderivati/pproċessati biss mill-ġewż tas-siġar ikkonċernati, il-livelli massimi kif inhuma ffissati għall-ġewż tas-siġar korrispondenti japplikaw ukoll għall-prodotti dderivati/pproċessati. F’każi oħra, l-Artikoli 2(1) u 2(2) japplikaw għall-prodotti dderivati/pproċessati. ◄

►M4 (42) Il-livell massimu japplika għall-estratt pur u mhux diluwit, jinkiseb fejn 1 kg tal-estratt jinkiseb minn 3 sa 4 kg tal-għeruq tal-likurizja. ◄

►M6 (43) Il-livell massimu għall-ħaxix bil-weraq ma japplikax għall-ħxejjex aromatiċi friski (li jaqgħu taħt in-numru tal-Kodiċi 0256000 fl-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 396/2005). ◄

►M20 (44) Laħam tal-muskoli mill-appendiċi u l-addome. Din id-definizzjoni teskludi ċ-ċefalotoraċi tal-krustaċej. Fil-każ tal-granċijiet u ta' krustaċej simili għall-granċijiet (*Brachyura* u *Anomura*) Laħam tal-muskoli mill-appendiċi. ◄

►M7 (45) Limiti ta’ konċentrazzjoni aktar baxxi huma kkalkulati fuq il-premessa li l-valuri kollha tal-erba’ sustanzi taħt il-limitu ta’ kwantifikazzjoni huma żero.

(46) Laħam u prodotti tal-laħam li għaddew minn trattament tas-sħana li potenzjalment jirriżulta fil-formazzjoni ta’ PAH, jiġifieri xiwi jew barbecue biss.

(47) Għal prodotti fil-bott, l-analiżi għandha ssir fuq il-kontenut kollu tal-bott. Għandhom japplikaw l-Artikoli 2(1)(c) u 2(2) dwar il-livell massimu għall-prodott kompost sħiħ. ◄

►M11 (48) Il-livell massimu ma japplikax għal ikel li għalih tista’ tingħata prova li l-livell ta’ melamina ogħla minn 2,5 mg/kg huwa l-konsegwenza ta’ użu awtorizzat tas-cyromazine bħala insettiċida. Il-livell ta’ melamina m’għandux jisboq il-livell ta’ cyromazine. ◄

►M16 (49) Għall-prodotti speċifiċi tal-kakaw u l-prodotti taċ-ċikkulata japplikaw il-punti A. 2, 3 u 4 tal-Anness I tad-Direttiva 2000/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ġunju 2000 rigward il-prodotti mill-kawkaw u miċ-ċikkulata maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 197, 3.8.2000, p. 19). ◄

►M21 (50) Ammont totali ta' As(III) u As(V).

(51) Ross, ross imfesdaq, ross mitħun u ross b'togħlija parzjali kif definit fl-Istandard 198-1995 tal-Codex. ◄

►M20 (52) il-livell massimu japplika għall-annimali mibjugħa mingħajr vixxeri.

(53) fir-rigward tal-patata l-livell massimu japplika għall-patata mqaxxra. ◄

►M27 (54) “Prodotti mhux proċessati” kif definita fir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

(55) “Tqegħid fis-suq” u “konsumatur finali” kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1). ◄

►M29 (56) ►C1 Bl-aċċettazzjoni mill-awtorità kompetenti, il-livell massimu ma japplikax għaż-żejt tal-mustarda prodott u kkunsmat lokalment. ◄ ◄

(57) il-formula tat-tfal żgħar huma xarbiet abbażi tal-ħalib u prodotti simili abbażi tal-proteini maħsuba għat-tfal żgħar. Dawn il-prodotti ma jaqgħux fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 609/2013 (ir-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-formuli tat-tfal żgħar (COM/2016/0169 finali) (https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52016DC0169&qid=1559628885154&from=MT).

(58) il-preparazzjoni tax-xarbiet tirreferi għall-użu tat-trabijiet li huma mitħuna fini u li jitħalltu fix-xarbiet.

▼B

([59]) Kif definiti fil-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

([60]) Il-livelli massimi ma japplikawx għall-ġewż tas-siġar jew għaż-żrieragħ żejtnin għat-tisħiq u għar-raffinar taż-żejt, sakemm il-ġewż tas-siġar jew iż-żrieragħ żejtnin misħuqin li jifdal ma jitqegħdux fis-suq bħala ikel. Jekk il-bqija tal-ġewż tas-siġar jew iż-żrieragħ żejtnin misħuqin jitqiegħdu fis-suq bħala ikel, japplikaw il-livelli massimi, filwaqt li jitqiesu l-Artikoli 2(1) u 2(2) ta' dan ir-Regolament.

([61]) Il-livelli massimi ma japplikawx għaċ-ċereali użati għall-produzzjoni tal-birra jew tad-distillati, sakemm ix-xgħir li jifdal ma jitqegħedx fis-suq bħala ikel. Jekk il-bqija tal-malt jitqiegħed fis-suq bħala ikel, japplikaw il-livelli massimi, filwaqt li jitqiesu l-Artikoli 2(1) u 2(2) ta' dan ir-Regolament.

([62]) L-alkalojdi tropaniċi msemmija huma l-atropina u l-iskopolamina.

([63]) Il-livell massimu għall-alkalojdi tal-ergotina jirreferi għas-somma inferjuri tat-12-il alkalojde tal-ergotina li ġejjin: ergokornina/ergokorninina; ergokristina/ergokristinina; ergokriptina/ergokriptinina (forma α- u β-); ergometrina/ergometrinina; ergosina/ergosinina; ergotammina/ergotaminina. Fis-somma inferjuri, il-kontribut ta' kull epimer mhux kwantifikat huwa stabbilit għal żero.

([64]) Il-livell massimu jirreferi għas-somma tal-limiti aktar baxxi tal-21 alkalojdu pirroliżidiniku li ġejjin:

— intermedina/likopsammina, intermedina-N-ossidu/likopsammina-N-ossidu,

— seneċjonina/seneċivernina, seneċjonina-N-ossidu/seneċivernina-N-ossidu,

— seneċifillina, seneċifillina-N-ossidu,

— retrorsina, retrorsina-N-ossidu,

— ekimidina, ekimidina-N-ossidu,

— lasjokarpina, lasjokarpina-N-ossidu,

— senkirkina,

— ewropina, ewropina-N-ossidu,

— eljotrina u eljotrina-N-ossidu

l-14-il alkalojdu pirroliżidiniku addizzjonali li ġejjin magħrufin li jikkoelutaw b'waħda jew aktar mill-21 alkalojdu pirroliżidiniku, identifikati hawn fuq, li jagħmlu użu minn ċerti metodi analitiċi użati bħalissa:

— indiċina, ekinatina, rinderina (koelwizzjoni possibbli mal-likopsammina/mal-intermedina)

— indiċina-N-ossidu, ekinatina-N-ossidu, rinderina-N-ossidu (koelwizzjoni possibbli mal-likopsammina-N-ossidu/mal-intermedina-N-ossidu)

— inteġerrimmina (koelwizzjoni possibbli mas-seneċivernina/mas-seneċjonina)

— inteġerrimmina-N-ossidu (koelwizzjoni possibbli mas-seneċivernina-N-ossidu/mas-seneċjonina-N-ossidu)

— eljosupina (koelwizzjoni possibbli mal-ekimidina)

— eljosupina-N-ossidu (koelwizzjoni possibbli mal-ekimidina-N-ossidu)

— spartjojdina (koelwizzjoni possibbli mas-seneċifillina)

— spartjojdina-N-ossidu (koelwizzjoni possibbli mas-seneċifillina-N-ossidu)

— usarammina (koelwizzjoni possibbli mar-retrorsina)

— usarammina N-ossidu (koelwizzjoni possibbli mar-retrorsina N-ossidu)

Alkalojdi pirroliżidiniċi, li jistgħu jiġu identifikati individwalment u separatament bil-metodu użat ta' analiżi, għandhom jiġu kkwantifikati u inklużi fis-somma.

([65]) Mingħajr preġudizzju għal regoli nazzjonali aktar restrittivi f'ċerti Stati Membri dwar it-tqegħid fis-suq ta' pjanti li fihom l-alkalojdi pirroliżidiniċi.

([66]) It-termini "infużjonijiet erbali (prodott imnixxef)" u "te (*Camellia sinensis*) (prodott imnixxef)" jirreferu għal:

— infużjonijiet erbali (prodott imnixxef) minn fjuri, weraq u ħxejjex aromatiċi, għeruq, u kwalunkwe parti oħra tal-pjanta (fi qratas jew fi kwantitajiet kbar)/te (*Camellia sinensis*) (prodott imnixxef) minn weraq, zkuk u fjuri mnixxfin (fi qratas jew fi kwantitajiet kbar) użati għat-tħejjija ta' infużjoni erbali (prodott likwidu)/te (prodott likwidu)

— tejiet erbali/tejiet instant. Fil-każ ta' estratti tat-trab tat-te, għandu jiġi applikat fattur ta' konċentrazzjoni ta' 4.

([67]) Te mħawwar huwa te b'aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti, kif definit fir-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 34).

Għat-tejiet bil-frott u bi ħxejjex aromatiċi oħra, japplika l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006.

([68]) Il-livell massimu jirreferi għas-somma tal-morfina u l-kodeina, li għalihom jiġi applikat fattur ta' 0,2 għal-livell tal-kodeina. Għalhekk, il-livell massimu jirreferi għas-somma tal-morfina + 0,2 kodeina.

([69]) Il-prodotti tal-forn jinkludu wkoll oġġetti tal-ikel melħin u ikliet ħfief lesti biex jittieklu bbażati fuq id-dqiq.

([70]) L-operatur tan-negozju tal-ikel li jforni ż-żrieragħ tal-peprin lill-operatur tan-negozju tal-ikel li jimmanifattura l-prodotti tal-forn għandu jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa biex il-manifattur tal-prodotti tal-forn ikun jista' jqiegħed fis-suq prodotti li jikkonformaw mal-livell massimu. Din l-informazzjoni għandha tinkludi d-*data* analitika, skont il-każ.

▼B

([71]) Il-livell massimu ma japplikax għaż-żerriegħa tal-kittien mhux ipproċessata sħiħa, mitħuna, mgħaffġa, maqsuma, imqatta' u għal-lewż morr mhux ipproċessat sħiħ, mitħun, mgħaffeġ, maqsum u mqatta', imqiegħed fis-suq għall-konsumatur finali fi kwantitajiet żgħar fejn tidher it-twissija "Dan il-prodott għandu jintuża biss għat-tisjir u l-ħami. Tikkonsmahx nej!" fil-parti viżiva prinċipali tat-tikketta (bl-użu tad-daqs tat-tipa speċifikat fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi (ĠU L 304 , 22.11.2011, p. 18)). Iż-żerriegħa tal-kittien mhux ipproċessata, sħiħa, mitħuna, maqsuma u mqatta' bil-messaġġ ta' twissija għandha tikkonforma mal-livell massimu previst f'8.3.1.

([72]) il-livell massimu jirreferi għas-somma ta' delta-9-tetraidrokannabinol ($\Delta^9$-THC) u aċidu delta-9-tetraidrokannabinoliku ($\Delta^9$-THCA), express bħala $\Delta^9$-THC. Fattur ta' 0.877 huwa applikat għal-livell ta' $\Delta^9$-THCA u l-livell massimu jirreferi għas-somma ta' $\Delta^9$-THC + 0.877 x $\Delta^9$-THCA (f'każ ta' determinazzjonI separata u kwantifikazzjoni ta' $\Delta^9$-THC u $\Delta^9$-THCA).

([73]) żrieragħ tal-qanneb derivati/prodotti pproċessati huma prodotti derivati/ipproċessati esklussivament miż-żerriegħa tal-qanneb.

([74]) Il-livell massimu japplika għas-somma tal-istereoisomeri lineari u ramifikati, kemm jekk ikunu sseparati kromatografikament u kif ukoll jekk le.

([75]) Għas-somma tal-PFOS, tal-PFOA, tal-PFNA u tal-PFHxS, il-konċentrazzjonijiet l-aktar baxxi huma kkalkulati bis-suppożizzjoni li l-valuri kollha taħt il-limitu tal-kwantifikazzjoni huma żero.